

Brussell, 24 ta' Marzu 2022
(OR. en)

6949/22

GAF 5

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Opinjoni tal-Kunsill dwar il-ħatra tal-Kontrollur ta' garanziji proċedurali tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)

OPINJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**dwar il-ħatra tal-Kontrollur ta' garanziji proċedurali tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi
(OLAF)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 325 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999, u b'mod partikolari l-Artikolu 9a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-lista ta' kandidati kwalifikati kif xieraq għall-pożizzjoni ta' Kontrollur ta' garanziji proċedurali mfassla mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Fit-23 ta' Diċembru 2020, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2223, li emenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 sabiex tinħoloq funzjoni interna fil-forma ta' Kontrollur ta' garanziji proċedurali tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (il-“Kontrollur”).
- (2) Skont l-Artikolu 9a (1) tar-Regolament Nru 883/2013, il-Kummissjoni għandha taħtar il-Kontrollur għal mandat ta' ħames snin li ma jiġġeddidx. Skont l-Artikolu 9a (4) ta' dak ir-Regolament, wara sejħa għal applikazzjonijiet f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, il-Kummissjoni għandha tfassal lista ta' kandidati kwalifikati kif xieraq għall-pożizzjoni tal-Kontrollur. Wara li tikkonsulta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, il-Kummissjoni għandha taħtar il-Kontrollur.
- (3) Fid-9 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni pprovdiet lill-Kunsill b'lista mqassra ta' tliet kandidati kwalifikati kif xieraq għall-pożizzjoni ta' Kontrollur, imniżżlin f'ordni skont il-preferenza, u talbet l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-ħatra tal-Kontrollur.
- (4) Il-Kunsill eżamina l-kwistjoni u b'mod partikolari d-dokumenti ġustifikattivi pprovduti mill-Kummissjoni dwar it-tliet kandidati kwalifikati kif xieraq,

ĦAREĠ DIN L-OPINJONI:

Il-Kunsill jagħti opinjoni favorevoli dwar il-lista mqassra tat-tliet kandidati kwalifikati kif xieraq fl-ordni ta' preferenza prevista mill-Kummissjoni.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
